Malta Statistics Authority
Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta

**12 ta' Novembru 2014**

**Stqarrija għall-Istampa: Direttur Ġenerali ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika**

L-Awtorità Maltija ta' l-Istatistika tixtieq tgħarraf li l-eks Direttur Ġenerali ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, is-Sur Michael Pace Ross, kien mgħarraf bil-miktub li l-kuntratt tiegħu kien se jagħlaq fl-4 ta' Novembru 2014, u li l-post ser ikun miftuħ permezz ta' *open call* sabiex jinħatar id-Direttur Ġenerali għat-tlett snin li jmiss.

Il-ħatra tas-Sur Joseph Bonello bħala *Acting Director General* ta' l- Uffiċju Nazzjonali ta' l-Istatistika ġiet imħabbra permezz ta' avviż fil-Ġazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Novembru 2014.

L-Awtorità tikkonferma li l-aġenzija ta' l-istatistika Ewropea EUROSTAT ġiet ukoll infurmata permezz tad-Direttur Ġenerali tagħha Mr. Walter Radermacher bil-ħatra tas-Sur Joseph Bonello bħala *Acting Director General* ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika fl-istess ġurnata.

L-Awtorità tixtieq tassigura li l-Code of Practice tal-Eurostat ser jiġi rrispettat b'mod strett fir-reklutaġġ tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika.

**Malta Statistics Authority | Lascaris, Valletta VLT 2000, Malta|**
**☎ Office: +356 2599 7531 | ✉ email: albert.leone-ganado@gov.mt|**